MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2005

Avviz Numru. 110/2003

**Anthony Degiorgio**

**vs**

**Stephen Degiorgio**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat id-19 ta' Frar tas-sena 2003 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas l-ammont ta' hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0), rapprezentanti kummissjoni espressament pattwita bejn il-partijiet u dovuta lill-mittent fuq it-trasferiment tal-fond 8, Old Treasury Street, drabi

ohra maghrufa bhala 8, Republic Square, Valletta mill-konvenut lil Martin Degiorgio u dan wara li dan it-trasferiment effettivament sar bejn il-partijiet;

2. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet;

3. Illi interpellat ghall-hlas il-konvenut bqa' inadempjenti u kellha ssir din il-kawza;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-10 ta' Marzu tas-sena 2003 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. Illi preliminarjament, il-konvenut m'ghandu jaghti l-ebda kummissjoni lill-attur stante illi kuntrarjament ghaldak indikat fl-avviz, il-fond in kwistjoni ma giex trasferit mill-konvenut lil Martin Degiorgio kif qed jigi allegat;

2. Illi in addizzjoni u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-attur m'hu intitolat ghal ebda kummissjoni;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi a bazi ta' skrittura privata datata l-5 t'Awisu tas-sena 2002, (ara fol 12), il-konvenut Stephen Degiorgio intrabat bis-segwenti kondizzjonijiet:

a. Illi kien lest ihallas lil Tony Degiorgio, (l-attur), l-somma ta' hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0), bhala kummisjoni;
b. Illi din il-kummissjoni tigi hekk imhallsa kemm –il darba jinbiegh jew jinkera l-fond numru 8, Old Treasury Street, lill-huh Martin Degiorgio;

2. Illi l-istess tip ta' skrittura giet rilaxxata mill-konvenut favur l-attur kemm – il darba l-istess javvera ruhu fil-konfront ta' certu Salvu indikat fid-dokument immarkat Dok. AD2 a fol 13;

Ikkunsidrat;

Illi kif postulata, l-procedura odjerna hi limitata ghall-esekuzzjoni tal-kondizzjonijiet hekk pattwiti kemm –il darba jkunu avverati:

1. Il-bejgh jew kiri tal-fond specifikatament indikat;

2. Lill-persuna precizament indikata fl-istess skritturi ndikati, (ara fol 12 u 13);

Ikkunsidrat;

Illi jirrizulta li l-fond de quo ghadda f'idejn l-imsemmi Martin Degiorgio, (ara fol 10);

Illi skond l-istess Martin Degiorgio jirrizulta li hu ikkunkluda "…ftehim rigwardanti l-fond numru 8 ta' Old Treasury Street, il-Belt … Il-ftehim kien wiehed ta' kera", (ara fol 22);

Ikkunsidrat;

Ill in vista tal-premess jirrizulta li l-kondizzjonijiet stipulati fl-iskrittura privata fuq riferita avveraw ruhhom bl-intrvent specifiku ta' l-attur billi :

1. il-fond in dizamina inkera lil Martin Degiorgio stente li hu stess iffirma l-kera de quo f'ismu stess;

2. il-konvenut ghalhekk ibbenefika direttament mill-intervent ta' l-attur stante li jirrizulta li kien kellem lil Martin Degiorgio diversi drabi fir-rigward;

3. Illi allura jiskattaw l-obbligazzjonijiet pattwiti fl-iskrittura fuq riferita u konsegwentement il-kummisjoni hi regolarment dovuta lill-attur;

Ghaldaqstant din il-qorti tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut stante:

1. Illi l-fond inkera lil Martin Degiorgio;

2. Illi allura l-kummissjoni hi dovuta;

Tilqa' ghalhekk it-talbiet ta' l-attur u tikkundanna lill-konvenut Stephen Degiorgio biex ihallas lill-attur Anthony Degiorgio l-ammont ta' hamest'elef lira Maltin, (LM5,000.00,0), rapprezentanti kummissjoni espressament pattwiti ai termini ta' l-iskrittura a fol 12 tal-process, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------